# Storja tal-Kunvent u l-Komunita` tad-Dumnikani fil-Birgu



Meta fl-4 ta' Frar 1528, il-patrijiet dumnikani, Indri de Gaudisio, wann Maniuni u Ljun D,Armenia nizlu mir-Rabat u hadu pusses tak-knisja tal-Lunzjata tal-Birgu, ghall-bidu kienu jghammru fis-sagristija, Wiehed jissoponi lid an gara kemm minhabba l=faqar li kienu jinsabu fih, kif ukoll minhabba t-tilwim ma l-awtoritajiet djocesani; ghalhekk ma ssugrawx jaghtu bidu-ghall-bini ta' kunvent kbir qabel l-1546.

Ghal-bini tad-dormitorju kien halla 80 skud Wistin Samta Maura ghall-legat ta'quddies. 80 skud ohra kienu gew moghtija minn Frangisk u Djonisju Mego, ta' nisel grieg,
Fl-1614, il-patrijiet hargu 250 skud ohra biex jitkompla l-bini,d il-majjistru P. Mattew Rispoli fl-1684, kien xtara dar Magenb il-kunvent bil-prezz ta' 44 skud biex flokha inbena r-refettorju. Fl-1685, il-patrijiet bnew in-nddovizzjat, F'dan l-istess zmien, tlestu l-kjostru, maghmul kwadru minn erba' kurituri be gnien f'noshom. Fl-1717, fuq id-dormitorju li kien fil-parti ta' wara tal-kunvent inbnew zewg swali kbar. Dawn is-swali, fl-1744 gew maqsuma f'erba' kmamar, b'wada minnhom b'tieqa ghall-knisja biex isservi bhala korin.

Bl-ispluzjoni tal-porvlista tat-18 ta' Lulju 1806, dawn il-partijiet tal-kunvent gew meqruda u regghu inbnew: il-korin tela' ftit akbar u flok erbagha saru zewg kmamar u sala kbira. Matul il-kuritur saret gallarija li kienet taghti ghall-gnien. Billi 'l-kjostru dam hafna bil-hnejjiet miftuha, bla hgieg, fl-1859 kien sar tarag li minn hdejn il-korin kont tigi ghas-sagristija (ezatt bhall-lum).

Fit-18 ta' Marzu 1908, il-Pirjol P.Bernard Grech qieghed l-ewwel gebla tad-dormitorju ta' fuq, li tlesta fit -13 ta' Settembru 1908, u tbierek mill-provincjal P. Antonin Gatt.
Dan il-bini kien sewa lill-patrijiet £700.

Il-kunvent l-antik kellu 'l-bieb principali tieghu ezatt that il-kampnar, li kif tidhol minnu kont iddur lejn ix-xellug u tigi f'kuritur li ma kienx mat-triq, ghax bejniethom kien hemm sitt hwienet, naturalment propjeta' tal-kunvent. Fit-tarf ta' dan il-kuritur kont iddur ghal-lemin u faccata tieghu kien hemm tarag kbir wiesa li jaghti ghall-ewwel sular. Ma l-istess hajt tat-tarag kien hemm bieb imbarrat li jaghti ghal dik maghrufa bhala l-iskola, li fl-antik il-patrijiet kienu jghalmu. Din hija l-parti fejn illum tinsab Triq Bettina. Ghal-tielet kuritur, kont terga' ddur ghall-lemin, fejn kien hemm l-oratorju ferm sabieh tar-ruzarjanti mibni fl-1662. Aktar 'il-gewwa fir-rokna kien hemm karma li minnha kont tghaddi ghas-sagristija. Jekk kont tibqa ddur mal-lemin kont tigi fir-raba' kuritur li faccata tieghu kien hem mil-bieb ta' barra. F'nofs dawn l-erbgha kurituri kien hem mil-gnien,imdawwar bil-logog mibnija fuq pilastri, li fuqhom kien hemm l-arkati mad-dawra kollha. Mal-hitan kien hemm kwadri kbar taz-zejt ta' Inkwizituri u isqfijiet u dumnikani maltin maghrufa.



l-Kunvent l-antik minn gewwa

Mit-tieni kuritur, kont titla' tarag u tigi f'nofs l-ewwel dormitorju ta' fuq l-istess kuritur. Faccata tieghek, il-hajt kien jinqasam fi tnejn b'wesgha li taghti ghall-gnien. Mal-hajt tax-xellug kien hem mil-biblioteka. Jekk mit-tarag imsemmi kont iddur ghan-naha ta' L-isla, issib ir-refitorju, il-kcina u l-ospizju: id-dormitorju kien jispicca b'logga thares lejn l-isla u karma zghira, Min bejn din il-kamra u d-dahar tal-librerija kont tidhol f'dormitorju iehor, jaghti ghal fuq it-tielet kuritur tal-kjostru. F'dan fuq ix-xellug kien hemm zewg kmamar – il-korin u l-muzew famuz li fih P. Pietru Pawl Bajada kien gabar il-kwadri antiki tal-knisja,abiti sagri tas-seklu XVI u XVII, manuskritti, muniti prezzjuzi, kalcijiet antiki u hwejjeg ohra ta' siwi storiku. Min dan id-dormitorju kont tghaddi ghal iehor, idjeqmit-tlieta l-ohra, fih kien hem mil-hames kmamar maghrufa bhala n-novizzjat, Fid dormitorju l-iehor kien hemm tmien kmamar bit-twieqi jaghtu ghal triq il-Mina l-Kbira, Dan kien arjuz hafna ghax kellu logog kbar jaghtu ghall-gnien. Fit-tarf tieghu, in-naha ta' Bormla, kien hemm karma uzata bhala depost, fejn kienu jinzammu l-fided u l-oggetti ohra prezzjuzi tal-knisja.

Magenb din il-kamra, kien hemm tarag wiesa li kien iwasslek ghad-dormitorju ta' fuq mibni fl-1908. Fih ukoll kien hemm tmien kmamar bit-twieqi ghat-triq.



l-Kunvent l-antik u l-gdid

Fid-19 ta' Jannar 1941, il-Hadd, fis-12.45pm, l-ajruplani germaizi ghamlu attack fuq it-tarzna, u laqtu l-lunvent. Fl-istess parti li kienet giet meqruda fl-1806, bl-ispluzjoni tal-porvlista – id-dormitorju, il-muzew ta' patri P.P. Bajada, in-novizzjat, u naturalment l-oratorju tar-ruzarjanti u is-sagristija, li kienu ezatt that il-muzew u n-novizzjat. Il-komunita' dumnikana tal-Birgu dak iz-zmien, kienet maghmula minn 16-il patri u 4 frajiet. Kontra qalbhom kellhom ihallu l-Birgu u jmorru jsibu kenn fil-kunvent tar-Rabat. Hemm damu sa l-14 ta' Marzu 1941, meta l-komunita'marret fi Fleur de Lys, f'dar mislufa lilhom mis-Sur Nazju Bonivia.

Il-patrijiet qatt ma naqsu li jinzlu l-Birgu mill-inqas darbtejn kuljum, bdew jghallmu lit-tfal fl-iskola tal-gvern u dejjem jittamaw li tieqaf il-gwerra, halli l-parti tal-kunvent li waqghet tigi rrangata u l-komunita' terga tinsel tghammar fil-Birgu. Izda, is-sibt 4 ta' April 1942 fis-1.40pm, rega' fegg attack iehor, din id-darba mhux biss il-kunvent izda kif ukoll il-knisja regghu intlatghu mill-bombi u din id-darba saru herba.

Meta l-komunita' kienet maqsuma, parti fi Fleur de Lys u parti fil-Birgu, fejn dejjembaqa' si hadd, fid-29 ta' Novembru 1944, fl-laqgha tal-kunsill, gie deciz li tintbaghat ittra formali lill-gvern li titlob biex jerghu jinbnew il-kunvent u l-knisja, malajr kemm jista jkun. Izda kellhom jghaddu s-snin sakemm il-patrijiet raw ix-xewqa taghhom mitmuma. Dawk fosthom li kienu fi Fleur de Lys, knuzlu l-Birgu fis-7 ta' Frar 1945 u qaghdu f'dar fi Triq Pacifiku Scicluna Nru. 5, dak iz-zmien kienet Triq il-gdida. L-ohrajn li kienu fil-palazz ta' l-inkwizitur baqghu hemmhekk. Hekk il-komunita' baqghet maqsuma sa l-4 ta' Jannar 1952, meta l-patrijiet kollha ingabru fil-palazz ta' l-Inwizitur, wara li d-dar ta Triq Pacifiku Scicluna, giet ikkundannata wara maltempata qawwija.



L-istatwa ta' San Kalogero, erimita, il-lum il-gurnata jinsab fil-kuvent tad-dumnikani fil-Birgu

Matul dan ild-perjodu kollu, il-patrijiet kienu jaqdu spiritwalment lin-nies tal-Birgu mill-kappella li ghamlu fi-swali tas-sular tan-nofs tal-palazz, u baqghu jghixu hemm sakemm tlesta il-kunvent il-gdid. Dan iz-zmien kien wiehed difficli ghalihom, specjalment dawk li kienu joqghodu fid-dar, ghax kien ikollhom ilahhqu mad-dmirjiet taghhom li kienu jsiru kollha fil-palazz. Mill-banda l-ohra dawk li kienu joqghodu fil-palazz kien ikollhom jghixu tnejn jew tlieta flimkien f'xi sala kbira li anke bi nhar twahhxek, ahseb u ara bil-lejl, bl-ilma jqattar mis-saqaf ibblastjat jew mit-twieqi gholjin bl-aperturi imkissra u nofshom miftuha. Din it-tbatija kienet akbar ghal dawk fosthom li kienu imdahhla sew fiz-zmien.

Kienu diversi r-ragunijiet ghala l-kunvent (u l-knisja) damu ma bdew jinbnew mill-gdid, kif jidher fl-istorja tal-knisja, allura m'hemmx ghalfejn dawn jigu ripetuti.



San Duminku tal-Gebel fil-Kunvent l-Gdid

Gara li fl-4 ta' Ottubru 1951. ghamlet xita tant qalila li mill-hitan li kien baqa' mill-kunvent u l-knisja waqa' si gebel fit-triq, u ghalhekk il-periti tal-gvern idddecidew,
li biex djitnehha kull periklu ghandu jibda t-twaqqieh ta' dak li kien baqa'.
Ix-xoghol tat-twaqqiegh dam sejjer sal-bidu ta' l-1952. Fis-17 ta' Marzu, il-kunsill tal-provincja approva l-pjanta tal-kunvent maghmula mill-periti E. England Sant Fournier u Louis Mifsud, il-kuntrattur tal-dbinid kien Filip Grima.

L-ewwel gebla tbierket mill-provincjal P. Esmond Klimeck fis-27 ta' Lulju 1952, meta jmexxi l-komunita' kien P. Pietru Pawl Bajada. Il-kumplament tal-patrijiet kienu – Lawrenz Bonavia, Rikard Born, Karmenu Zammit, Reginald Debono, Gerald Minuti, Gordan Scicluna, Isnard Farrugia, Valentin Barbara u l-frajiet Markolin Cremona u Ruzar Zammit. Il-kunvent tlesta wara sentejn u tlett xhur u mieghu nbena ukoll il-kampnar, li baqa' bla skultura sal-lum. Gie mbierek ufficjaldment mill-Arcisqof Mikiel Gonzi, nhar is-sibt 23 ta' Ottubru 1954. Il-patrijiet marru joqghodu fih permanentement fl-4 ta' Dicembru 1954, billi kien ghad baqa' jsir xi xoghol ta' njam u l-lostru tal-paviment kollu. Issa kien pirjal P. Ruzar Spiteri li flimkien mal-provincjal u l-komunita' iffissaw il-limiti tal-klawsura, kifjitolbu l-ligijiet ta' l-ordni tal-predikaturi.

Il-kunvent prezenti huwa icken minn dak antic, dan minhabba li kemm Triq il-Mina l-Kbira, kif ukoll it-triq ta' warajh twessghu. Fattur iehor huwa li bejn il-kunvent u l-kazin tal-banda Prince of Wales Own inholqot Triq Bettina, li sal-qwerra ma kienetx tezisti. Din it-triq kwazi kollha ttiehdet mill-kunvent: anke l-gnien tal-kunvent tal-lum huwa akbar min dak ta' qabel. It-tarag li jaghti mill-kjostru ghall-ewwel sular ukoll huwa aktar spazjuz u imponenti minn dak tal-kunvent l-antik, ghalkemm biex ipatti ghal dan kollu, il-kunvent tal-lum m'ghandux hwienet tahtu fi Triq il-Mina l-Kbira.



l-Gnien fil-kuvent l-gdid tad-dumnikani fil-Birgu

Illum, il-kunvent ghandu faccata tassew maestuza u elaborata, bil-bieb ewlieni f'nofs il-binja, ezatt quddiem Triq il-kunsill Popolari. Kif tidhol fl-entrata, naha ssib karma zghira, li sservi ta' parlatorju, fiha hemm l-abbozzi originali tat 8 flieli ta' l-anterna tal-koppla l-antika maghmula bil-karbonella tal-prof. Gio, Batta Conti. Fuq in-naha l-ohra ta' l-intrata (in-naha tax-xellug tieghek) hem mil-kamra ta' l-abbatini. Malli taqbez l-antiporta,issib ruhek f'wesgha mdaqqsa u fil-kjostru, li jdur dawra mejt mal-gnien b'hames arkati kull naha imserrha fuq kolonnar doppju.



L-Kappella tat-Talb fil-Kunvent l-Gdid

Mid-dahla, malli tilwi mal-lemin, issib is-sala, fejn jinzammu uhud mill-vent'artali tal-fidda, kif ukoll oggetti ohra storici u ta' valur li uhud minhom gew salvati mid-debris tal-muzew l-antik. Hawn jinsabu ukoll ritratti, kif ukoll bicciet ta'pittdura tal-knisja l-antika/ Fir-rokna ta' dan il-kuritur, bil-bieb faccata tat-tieni kuritur, hemm karma zghira, fejn wiehed isib oggetti personali, dokumenti, ritratti u siltiet ta' gurnali li ghandhom konnessjoni mas-serva t'Alla, Tereza Parlar, terzjarja dumnikana tal-fergha tal-Birgu. Kif diga' ghidna malli tohrog minn din il-kamra tigi fit-tieni kuritur tal-kjostru. Dan ma fih xejn hlief li mal-hajt tal-hnejja tan-nofs hemm l-irhama li tfakkar il-festi li saru fil-Birgu fl-1922 flokkazjoni tas-VII centinarju mill-mewt ta' San Duminku. Originarjament, din kienet fuq il-bieb il-bieb il-kbir tal-knisja l-antika. Dan il-kuritur ghandu l-gemb tieghu tul il-knisja, sal-kappellun ta' San Vincenz. It-tielet kuritur malli ddur fuq ix-xelluq fih bieb wiehed biss li malli tghaddi minnu ghandek tarag li jekk tinsel sitta minnu iwasslek ghas-sagristija u jekk tibqa' niezel issib is-sala dumnikana,

Li ghandha b-bieb principali taghha fi Triq il-kunvent. Jekk mill- bieb tal-kjostru titla' tigi fil-kuitur ta' l-ewwel sular, tal-kunvent hdejn il-korin.

Fir-raba' u l-ahhar kuritur tal-kjostru, malli tidhol mill-bieb ta' barra u mill-wesgha tersaq ftit lejn ix-xellug, faccata hemm statwa tal-gebel ta' San Duminku u l-kcina u r-refetorju kull naha fil-gnub ta' l-istatwa faccata ta' xulxin, li izda jinfdu minn wara.
Magenb il-kcina hem mil-kamra li sservi ta'ospizju, fejn wiehed jiehu t-te' waqt li f'nofs dan il-kuitur hemm l-oratorju tar-ruzarjanti.





s-Sala fil-kuvent l-gdid tad-dumnikani fil-Birgu

Fl-ewwel sular, malli titla' mit-tarag principali, li jinsab fil-wesgha tad-dhul (in-naha tax-xellug) fejn matulu issib l-abbozzi tal-flieli tal-koppla l-antika ta'Conti, u f'nofsu, fl-indana hemm l-istatwa ferm antika ta' San Kalogeru, biswitek, tul triq il-Mina l-Kbira, issib kuritur b'erba kmamar li f'nofshom hemm il-kamra tar-rikreazzjoni, li tigi exatt fuq l-intrata tal-kunvent. Jekk mit-tarag iddur lejn ix-xellug tigi matul triq Bettina u ghandek tlett kmamar ohra u l-librerija. L-ahhar kuritur li jigi fuq wara tul triq il-kunvent hemm 4 kmamar zghard li jaghmlu parti mill=librerija. Mal-hajt tal-faccata ta' dan il-kuritur jinsab il-korin u depost li jigu exatt fuq is-sagristija u l=karma fejn jilbsu l-abbatini rispettivament. Qabel tasal ghall-korin, kif diga ghidna hemm tarag li jerga jwasslek ghall-kjostru, is-sagristija u sala dumnikana.

Mill-erba' kurituri ta' dan is-sular il-kunvent huwa mdawwar b'terrazzin spazjuz, li fin-naha tal-knisja ghandu tarag li jwasslek ghall-bejt tan-navi u ghall gallarija ta' l-orgni.

Biex tasal ghat-tieni sular tal-kunvent, titla' tarag, pjuttost komuni, meta maqbbel ma dak li mill-kjostru jwassledk ghall-ewwel sular. Dan dit-tarag jinsab ezatt faccata tieghek malli titla mit-tarag il-kbir, dan jibqa' tiela sa fuq il-bejt, li jaghti ghal Triq il-Mina u Triq Bettina. F'dan is-sular, li jinfirex tul iz-zewg toroq imsemmija hemm sitt kmamar ohra. In-naha ta' wara dta' dan is-sular, li thares lejn l-Isla, hemm bejt li jinsab fuq il-librerija, l-erba' kmamar li jaghmlu parti minnha u l-korin.

Ghalkemm, kif diga ghidna, il-kunvent huwa icken mill-antik u forsi anke nieqes mill-opri kbar ta' l-arti li kienu jzejnu lil ta' qablu, kemm bhala artikettura, kif ukoll bhala ghamara, dan prezenti huwa tassew sabieh u arjuz u jilqghek appena tidhol fih, b'mod specjali, il-kjostru u l-gnien. Izda l-aktar importanti huwa li din il-binja taghti kenn lill-ulied il-patrijarka ta' Guzman, li matul is-snin twal li ilhom jghammru fil-Belt Rebbdieha saru haga wahda ma l-istorja tal-Birgu u kienu prdotagonisti fil-grajjiet importanti li sawwru l-istorja ta' beltna. Minn dan il-kunvent harg patrijiet li ghamlu gieh mhux biss lill-Birgu u l-provincja dumnikana maltija, imam anke lil Malta u 'l-Ordni tal-predikaturi: u dan hu ta' unur kbir ghall-vittorjozani, li sa minn zmien bikri hafna gharfu l-ghaqal u d-dehen li dejjem zejjnu l-ordni dumnikan, tant li mill-ewwel jum li rifsu fil-belt rebbieha, Dun Filippu de Gduevara sejhilhom:
'GIEH GHALL-BIRGU U TA' FEJDA GHAN-NIES LI JGHAMMRU FIHA!



(mix-xellug għal-lemin): Patri Claudio Borg OP, Sotto Pirjol; Patri Ġorġ Grech OP; Patri Pietru Pawl Zerafa OP; Patri Joe Bonnici OP, Pirjol; Patri Dumink Gużman OP; Patri Franġisk Galea OP u Fra Xmun Cachia OP.

LAUDARE BENEDICERE PRÆDICARE

www.stdominic-vittoriosa.com